VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,456, 17 ta' Lulju, 2009

Taqsima B

A.L. 205 ta' l- 2009

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)

Regolamenti ta' l-2009 dwar l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(4) ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2009 dwar l-Agenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Immigrazzjoni;

"sena finanzjarja" tfisser is-sena finanzjarja ta' l-Aġenzija li għandha tibda mill-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda fil-każ ta' l-ewwel sena finanzjarja din għandha tibda meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena segwenti.

3. (1) Għandu jkun hemm aġenzija magħrufa bħala l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil ("AWAS"), hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija". Twaqqif ta' l-Aġenzija.

(2) L-Aġenzija għandha tkun korp ġuridiku li jkollu personalità ġuridika li għandha personalità legali distinta u li tista' tagħmel kuntratti, li timpjega personul, li takkwista, li jkollha fil-pussess tagħha jew tiddisponi minn kwalunkwe tip ta` proprjetà għall-finijiet ta' l-operazzjonijiet tagħha u li tħarrek u tiġi mħarrka u kwalunkwe funzjoni jew operazzjoni tal-Gvern li tiġi assenjata lilha taħt din il-liġi jew kwalunkwe liġi oħra:

Iżda, mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jkollu jedd jagħti ordnijiet bil-miktub, u l-Aġenzija u l-kap tagħha għandhomjintrabtu sabiex josservaw dawk l-ordnijiet. Kap. 497.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Aġenzija tvesti fil-Kap Eżekuttiv jew ir-rappreżentant tiegħu.

(4) L-Aġenzija u l-impjegati tagħha għandhom iwettqu u

jippromwovu l-valuri tas-servizz pubbliku u dawk li huma speċifiċi għar-rwol ta' l-Aġenzija.

Ftehim dwar il-Prestazzjoni ta' l-Aġenzija.

4. (1) L-Aġenzija għandha tidħol fi ftehim dwar il-prestazzjoni tagħha mas-Segretarju Permanenti responsabbli għal dan, jew, meta s-Segretarju Permanenti ma jkunx appuntat, mill-Ministru, u dan il-ftehim għandu jistabbilixxi l-kompiti li għandhom jiġu indirizzati mill-Aġenzija, il-miri li hija mistennija li tilħaq, u l-fondi disponibbli għaliha.

(2) Il-ftehim dwar il-prestazzjoni ta' l-Aġenzija jista' jkopri sena waħda jew iżjed u jkun jista' jiġġedded skont l-ordnijiet u l-linji gwida li s-Segretarju Permanenti Prinċipali jista' joħroġ li jikkonċernaw l-iżvilupp tal-ftehim dwar il-prestazzjoni ta' l-Aġenzija.

Ħatra tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv.

5. (1) Għandu jkun hemm Uffiċjal Kap Eżekuttiv li jkollu r-responsabbiltà ġenerali tat-tmexxija ta' l-Aġenzija u r-rappreżentanza legali tagħha.

(2) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jiġi maħtur direttament mill-Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi jew minn fost persuni li f'kull każ, fl-opinjoni tal-Ministru, għandhom tagħrif u esperjenza f'affarijiet relatati ma' l-asil u persuni li jfittxu l-asil, u l-kariga tagħhom għandha tiġġedded kull tliet snin:

Iżda l-Ministru jista' jaħtar bord konsultattiv ta' mhux inqas minn żewġ membri u mhux aktar minn erba' membri li jassistu l-Kap Eżekuttiv fit-twettiq ta' dmirijietu.

(3) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, fit-twettiq ta' dmirijietu, għandu:

(a) jżomm l-għola *standards* tal-professjoni f'dan il-qasam;

(b) jkun responsabbli għall-implementazzjoni tal-leġislazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-ħarsien tal-klijenti ta' l-Aġenzija;

(ċ) ifassal pjanijiet ta' ħidma skont in-normi u l-proċeduri ta' dawk iż-żminijiet biex jipprovdu għar-riżorsi fiżiċi, umani u teknoloġiċi neċessarji għall-Aġenzija sabiex twettaq il-funzjoni tagħha;

(d) ifassal ftehim ta' prestazzjoni ta' l-Aġenzija li jistabilixxi l-kompiti li għandhom jiġu indirizzati;

(e) ifassal rapporti ta' attività annwali u dikjarazzjoniet finanzjarji ivverifikati;

(f) jiżgura illi l-Aġenzija tħares l-ogħla kodiċi ta' l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

etika pubblika;

(g) jagħti parir lill-Ministru f'affarijiet li jaqaw taħt il-kompetenza ta' l-Aġenzija; u

(h) iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu minn żmien għal żmien mill-Ministru jew mir-rappreżentant tiegħu.

(4) (a) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jew kwalunkwe membru ieħor tal-Bord jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu/tagħha permezz ta' ittra indirizzata lil Ministru.

(b) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jew kwalunkwe membru tal-Bord jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Ministru fuq raġunijiet ta' negliġenza qawwija, inkompetenza, jew atti ta' ommissjoni jew imġieba ħażina.

Funzjonijiet ta' l-Aġenzija.

6. (1) Il-funzjoni ta' l-Aġenzija hija l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali u politika li tikkonċerna l-ħarsien tar-refuġjati, persuni li jgawdu protezzjoni internazzjonali u persuni li jkunu qed ifittxu l-asil.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija għandha:

(a) tissorvelja kemm direttament jew permezz ta' ftehim ta' subappalt l-immaniġġjar ta' kuljum tal-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni;

(b) tipprovdi servizzi partikolari lil kategoriji ta' persuni identifikati bħala vulnerabbli skont il-politika preżenti;

(ċ) tipprovdi programmi ta' informazzjoni lill-klijenti tagħha fl-oqsma ta' l-impjieg, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u s-servizzi ta' ħarsien provduti taħt skemi nazzjonali;

(d) taġixxi bħala faċilitatur ma' l-entitajiet pubbliċi kollha li huma responsabbli għall-provvediment ta' servizzi sabiex tiżgura li l-obligazzjonijiet nazzjonali għar-refuġjati u għal-persuni li jkunu qed ifittxu l-asil jkunu aċċessibbli;

(e) tippromwovi l-politika tal-Gvern u l-iskemi li jirrigwardaw il-possibbiltà li persuni jmorru jgħammru f'pajjiż ieħor u r-ritorn volontarju assistit;

(f) żżomm *data* u tfassal rapporti li huma kkunsidrati rilevanti għal funzjoni tagħha u li tipprovdi statistiċi lill-korpi xierqa għat-tfassil tal-politika;

(g) tagħti parir lill-Ministru fuq żviluppi ġodda fil-qasam operattiv tagħha u tipproponi politika jew leġislazzjoni meħtieġa biex ittejjeb is-servizz mogħti u tissodisfa kwalunkwe

VERŻJONI ELETTRONIKA

obbligazzjoni legali fir-rigward ta' min juża s-servizzi tagħha;

(h) tħeġġeġ *networking* ma' organizzazzjonijiet volontarji lokali sabiex ittejjeb l-istandards tas-servizzi kif ukoll ir-riċerka akkademika;

(i) taħdem id f'id ma' persuni interessati pubbliċi oħra u, fejn possibbli, toffri s-servizzi lill-persuni li jkunu qed ifittxu l-asil li jkunu akkomodati f'ċentri oħra ta' akkoljenza li ma jaqawx taħt ir-responsabbiltà diretta tagħha; u

(j) timplimenta kompiti oħra li jistgħu jiġu assenjati lilha mill-Ministru jew mir-rappreżentant tiegħu.

Finanzi.

7. (1) L-Aġenzija għandha tħejji stimi annwali għal kull sena finazjarja u għandha tissottometihom għall-kunsiderazzjoni tal-Ministru skont in-normi u l-prassi stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(2) L-Aġenzija għandha tiġi mħallsa mingħand l-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li l-Kamra tad-Deputati tista` tawtorizza minn żmien għal żmien li jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-ispejjeż ta' l-operazzjoni u l-kapitali identifikati fil-pjan ta' ħidma finanzjarja tagħha.

(3) Fit-tmexxija ta' l-affarijiet tagħha, l-Aġenzija tista' titlob ħlasijiet għas-servizzi relatati mal-amministrazzjoni ta' kuljum u mal-manutenzjoni taċ-ċentri taħt ir-responsabbiltà tagħha.

(4) Kull eċċess ta' dħul fuq l-infiq ikun, suġġett għal dawk l-ordnijiet illi l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, minn żmien għal żmien jagħti, jiġi applikat mill-Aġenzija għall-formazzjoni ta' fondi riżervi biex jintużaw għall-iskopijiet ta' l-Aġenzija; u mingħajr preġudizzju għal ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan is-subregolament, kull ordni mogħtija mill-Ministru kif qabel imsemmi jista' jordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'tali mod kif jista' jiġi speċifikat mill-ordni, minn kwalunkwe parti tal-ħlas, rati jew pagamenti oħra skont subregolament (3) jew kwalunkwe eċċess kif diġà ssemma.

(5) Kwalunkwe fondi ta' l-Aġenzija li ma jkunux meħtieġa immedjatament sabiex ilaħħqu ma' l-ispejjeż jistgħu jigu investiti b'tali mod kif jiġu approvati mill-Ministru minn żmien għal żmien.

Kontijiet u verifika.

8. (1) L-Aġenzija għandha żżomm kontijiet xierqa u żżomm rendikont ta' l-operazzjonijiet tagħha u tara li jiġu preparati l-kontijiet għal kull sena finanzjarja rispettiva.

(2) Dawk il-kontijiet għandhom jiġu vverifikati minn awditur jew awdituri maħtura għal dan il-għan mill-Aġenzija bi qbil mal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ministru responsabbli għall-finanzi u mal-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jitlob ukoll li l-kotba u l-kontijiet ta' l-Aġenzija jiġu vverfikati jew eżaminati mill-Awditur Generali li għandu għal dan il-għan ikollu setgħa li jwettaq dik il-verifika personalment u kwalunkwe ċertifikazzjonijiet oħra li jidhrulu neċessarji.

Kuntratti u provvisti.

9. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ordni kkomunikata mill-Ministru skont ir-regolament 3(2), l-Aġenzija m'għandhiex, ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru maħruġ għal raġunijiet speċjali u wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tagħti jew tidħol f'kuntratt ghall-provvista ta' affarijiet jew materjal jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħolijiet, jew biex tagħti servizzi, lil jew għal benefiċċju ta' l-Aġenzija, li huma stmati minnha li jaqbżu sebat elef u ħames mitt euro (€7,500) jew ammont ieħor illi l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' permezz ta' regolamenti jippreskrivi, ħlief wara li tingħata nota ta' intenzjoni mill-Aġenzija biex tagħmel kuntratt, tkun ġiet ppublikata u appalti kompetittivi jkunu nħarġu skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika sakemm ikunu japplikaw għall-aġenziji tal-gvern. Kap. 174.

Rapporti Annwali.

10. (1) L-Aġenzija tista', mhux iżjed tard minn sitt ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tħejji u tibgħat rapport lill-Ministru li ġeneralment jirregola l-attivitajiet ta' l-Aġenzija matul dik is-sena finazjarja u li jkun fih rendikont ta' kontijiet ivverifikati flimkien ma' dik l-informazzjoni relatata mal-proċedimenti u x-xogħolijiet ta' l-Aġenzija biex twettaq il-funzjoni tagħha u l-pjanijiet għal futur.

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Kamra tad-Deputati mill-Ministru mhux iżjed tard minn sitt ġimgħat minn meta jirċevieh jew, meta l-Kamra tad-Deputati ma tkunx iltaqghet, mhux iżjed tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra tad-Deputati terġa tiltaqa'.

Ħatra ta' persunal.

11. (1) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-ħatra ta' uffiċjali u impjegati oħra ta' l-Aġenzija għandu jkun magħmul mill-Aġenzija. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Aġenzija bi qbil mal-Ministru.

(2) L-Aġenzija għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li hi tiddetermina skont is-subregolament (1), liema uffiċjali jew impjegati ma' l-Aġenzija kif ikun neċessarju minn żmien għal zmien għat-twettieq effiċjenti u mistħoqq tal-funzjoni ta'l-Aġenzija skont il-proċeduri stabbiliti mill-Gvern:

Kap. 452.

Iżda dawk l-impjegati kollha li għandhom kuntratt ta' impieg mal-Organizzazzjoni għall-Integrazzjoni u l-Ħarsien ta' Persuni li qed ifittxu l-Asil (OIWAS) fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti ser jibdew jaqaw taħt l-Aġenzija skont l-artikolu 38 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u jsiru impjegati ta' l-Aġenzija.

Assenjar.

12. (1) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, fuq talba ta' l-Aġenzija, jordna illi kwalunkwe uffiċjal pubbliku jiġi assenjat dmirijiet ma' l-Aġenzija b'dik il-kapaċità u b'effett minn dik id-data li tkun speċifikata f'dik l-ordni.

(2) Il-perjodu li matulu l-ordni imsemmi qabel għandu japplika għal kwalunkwe uffiċjal speċifikat hemmhekk, sakemm l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew inkella jieqaf mill-kariga qabel, jew sakemm l-ordni ma tispeċifikax data differenti, ma tibqax fis-seħħ wara sena mid-data effettiva ta' dik l-ordni sakemm dik l-ordni ma tkunx ġiet revokata qabel mill-Prim Ministru.

Status ta' uffiċjali pubbliċi assenjati għal dmirijiet ma' l-Aġenzija Kap.497.

13. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 44 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, meta kwalunkwe uffiċjal jiġi assenjat għax-xogħol ma' l-Aġenzija taħt kwalunkwe disposizzjoni ta' l-artikolu 11, dak l-uffiċjal għandu, waqt dak iż-żmien illi fih l-ordni tibqa effettiva fir-rigward tiegħu, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll ta' l-Aġenzija, imma huwa għandu għall-finijiet u l-effetti kollha jibqa' u jkun ikkunsidrat u meqjus bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Mingħajr preġudizzju għal ġeneralità tar-regolamenti ta' qabel, l-uffiċjal assenjat għal-kariga kif qabel imsemmi:–

(a) m'għandux, matul iż-żmien li fih hu jkun assenjat il-kariga:–

(i) jiġi projbit milli japplika għal trasferiment ma' dipartiment tal-Gvern skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-servizz li jkollu mal-ħatra mal-Gvern li ngħatat lilu f'dik id-data li fiha hu jkun assenjat il-kariga; jew

(ii) ikun impjegat b'tali mod illi r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu ikunu inqas favorevoli minn dawk illi jingħataw lilu mal-ħatra taħt il-Gvern f'dik id-data hawn qabel msemmija jew dak l-ħlas jew kondizzjonijiet li kienu jingħatawlu ma' l-imsemmija ħatra, matul dak il-perjodu, li kieku dak l-uffiċjal ma kienx assenjat kariga ma' l-Aġenzija; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) għandu jkun intitolat illi is-servizz tiegħu ma' l-Aġenzija ikun meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-iskopijiet ta' kwalunkwe pensjoni, gratifikazzjoni jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema u kwalunkwe dritt jew privileġġ li hu jkun intitolat, u għandu jkun responsabbli għal dik ir-responsabbiltà li jkun responsabbli għaliha, li kieku ma kienx għal fatt li ġie assenjat dik il-kariga ma' l-Aġenzija.

Kap. 93.
Kap. 58

(3) Meta ssir applikazzjoni kif provduta fis-subregolament (2)(a)(i), l-istess konsiderazzjoni għandha tiġi mogħtija daqs li kieku l-applikant ma kienx assenjat għas-servizz ma' l-Aġenzija.

(4) L-Aġenzija għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijet li minn żmien għal żmien jiġu determinati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għal dawk l-ispejjeż tal-pensjonijiet u gratifikazzjonijiet intitolati mill-uffiċjal assenjat għal-kariga ma' l-Aġenzija hawn qabel imsemmija matul dak il-perjodu li fih kien inkarigat.

Trasferiment ta' l-Assi

14. (1) (a) Il-proprjetà u l-impriżi li jappartjenu lill-Gvern u użati minnu, immedjatament minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u użati minnu għat-twettieq ta' kwalunkwe funzjonijiet illi permezz ta' dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fl-Aġenzija għandhom, fid-data hawn qabel imsemmija, bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr assigurazzjoni oħra, jiġu trasferiti lil u vestiti fl-Aġenzija taħt l-istess titolu li bih kienu miżmuma mill-Gvern immedjatament qabel id-data msemmija. Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma japplikawx għal proprjetà immobbli.

(b) L-assi immobbli speċifikati minn żmien għal żmien f' ordni mogħtija mill-President ta' Malta u ppubblikati fil-Gazzetta (hawn iżjed 'il quddiem imsemmija bħala "assi immobbli") li jkunu assi immobbli li, immedjatament qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, meta huma proprjetà tal-Gvern u wżati minnu għall-operazzjoni ta' kwalunkwe funzjoni li b'dawn ir-regolamenti ikunu trasferiti lil jew vestiti fl-Aġenzija għandhom, b'effett minn dik il-ġurnata li tkun speċifikata f'dik l-ordni, u bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr assigurazzjoni oħra jiġu trasferiti lil u vestiti fl-Aġenzija taħt l-istess titolu li bih kienu miżmuma mill-Gvern qabel dak il-jum.

(2) It-trasferiment u l-vestizzjoni ta' l-assi hawn aktar qabel imsemmija għandhom jestendu għal dik il-proprjetà u dawk l-impriżi kollha u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità hawn aktar qabel imsemmija, għandhom jinkludu kull impjant, tagħmir, apparat, strumenti, vetturi, inġenji, bini, strutturi, stallazzjonijiet, art, toroq, xogħlijiet, ħażniet u proprjetà oħra, sew mobbli sew

VERŻJONI ELETTRONIKA

immobbli, assi, setgħat, jeddijiet u privileġġi u kull ħaġa meħtieġa jew anċillari għalihom jew li lilhom tappartjeni, kif ukoll kull obbligazzjoni li tolqot jew ikollha x'taqsam ma' xi proprjetà jew impriża minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew ħaġ'oħra hemm inkluża kif imsemmi hawn aktar qabel.

Disposizzjonijiet Tranżitorji

15. (1) Meta xi ħaġa tkun diġà bdiet minn jew taħt l-awtorità tal-Gvern qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u dik il-ħaġa tkun relatata ma' xi proprjetà jew impriża, jew xi dritt jew obbligazzjoni trasferiti lill-Aġenzija b'dawn ir-regolamenti, dik il-ħaġa tkun tista' titkompla jew tintemm minn kollox minn jew taħt awtorizazzjoni ta' l-Aġenzija.

(2) Meta, minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ikun hemm proċedimenti legali jkunu pendenti li fihom il-Gvern ikun, jew ikollu jedd ikun, parti, u dawk il-proċedimenti jkunu relatati ma' xi proprjetà jew impriżi, jew xi dritt jew obbligazzjoni trasferiti bdawn ir-regolamenti, l-Aġenzija għandha, mid-data qabel imsemmija, tidħol f'dawk il-proċediment minflok il-Gvern, jew issir parti fihom fl-istess mod li kieku kien il-Gvern isir parti, u dawk il-proċedimenti ma għandhomx jiġu effettwati minħabba f'sostituzzjoni bħal dik.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk il-provvedimenti inċidentali, konsegwenzjali u supplementali kif jista' jqis li jkunu xierqa jew spedjenti bil-għan li jiġi stabbilit, kif ikun sew, x'ikunu l-assi trasferiti lill-Aġenzija b'dawn ir-regolamenti u jiżgura u jagħti effett sħiħ lit-trasferiment ta' kull proprjetà jew impriża jew kull dritt jew obbligazzjoni lill-Aġenzija b'dawn ir-regolamenti u jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex jagħmel kull setgħa u dmir eżerċitabbli mill-Gvern għar-rigward ta' xi proprjetà jew impriża trasferita eżerċitabbli mill-Aġenzija jew f'isimha.